MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 211/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**Vs**
**Josef Rhouni**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, f'Marzu 2007 u fix-xhur ta' qabel f'San Pawl il-Bahar f'xi ħin volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor mobbli jew immobbli u cioe' għamel xi ħsara f'karozza tal-għamla Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni LAW 290 liema ħsara tammonta għal aktar minn ħamsin lira w anqas minn elf lira għad-dannu ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Mejju, 2010, li biha, ma

sabitx lill-appellat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fis-17 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tannulla, tirrevoka w tħassar is-sentenza appellata w minflok tiddisponi minnha skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata w inkompleta ta' l-evidenza miġjuba mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-akkużi odjerni.

Illi kuntrarjament għal dak mistqarr mill-Ewwel Qorti, l-Prosekuzzjoni rrnexxielha tipprova l-ħtija ta' l-appellat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

Illi filwaqt illi l-Ewwel Qorti għandha ragun meta tghid illi *jidher li fl-istess ġurnata w f'hin relattivament qasir għaddew żewġ persuni viċin tal-vettura tal-parte leza w li għamlu moviment sospett b'idejhom,* dana s-sempliċi fatt ma jeskludix awtomatikament lill-appellat milli jwettaq ir-reati in dizamina. Jekk wieħed jeżamina l-istills ppreżentati mill-parti leża (a fol. 49 tal-proċess), issib illi minkejja li persuna minnhom tidher qisha qed tobrox il-vettura, din il-persuna qegħda taghmel il-ħsara fuq in-nofs ta' quddiem tal-vettura, w cioe' mill-bonnet tal-vettura lejn il-bieba tax-xufier.

Illi l-istima w l-evalwazzjoni tal-ħsara magħmulha fuq il-vettura ta' l-appellat, kif sussegwentement ikkonfermata minn Joe Galea (il-persuna li għamel l-istima a fol. 50 tal-process) tindika illi l-ħsara seħħet fuq in-naħa ta' wara tal-vettura, w cioe' mil-bieba tal-passiġġier ta' wara u mal-mud guard ta' wara. Illi minn ezami ta' l-istills li ħareġ l-

espert appuntat mill-Qorti, in partikolari ta' l-istill Nru. "PDVD_009", li jinsab a fol. 67 tal-process, (kif emfasizzat a fol. 72 tal-process) juri ampjament ċar illi l-appellat qiegħed jallarga jdejh fuq in-naha ta' wara tal-vettura de quo – u cioe' in-naħa ta' fejn instabu l-ħsarat kif ikkonfermati mill-imsemmi Joe Galea.

Illi di piu l-vittma Lawrence Bianco għaraf lill-persuna miġbuda fis-CCTV footage bħala l-appellat de quo.

Illi in vista tas-suespost, l-appellant jissottometti illi minkejja li f'temp qasir ħafna ta' żmien għaddew żewg persuni li setgħu possibilment ikkawżaw id-danni lamentati mill-vittma, s-CCTV footage ippreżentat mill-prosekuzzjoni jikkonferma illi l-post tal-ħsarat lamentati mill-vittma **huma kompatibbli mal-lok** fejn kien qiegħed jagħmel id-danni l-appellat odjern u dan m'għandu jħalli l-ebda dubju dettat mir-raġuni f'moħħ il-ġudikant.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat.

Li hija prassi tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din id-deċiżjoni tkun waħda li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għaliha.

F'dan il-każ il-Qorti għamlet eżami approfondit tal-provi prodotti. L-ewwelnett jidher li f'xi mument, l-imputat kien qal lill-PS 342 Johann Said li l-imputat kien għamel ħsara fil-karozza tas-sur Laurence Bianco. L-istess xhud għamel referenza għall-okkorenza li tinsab a fol 6 li minnha jirriżulta li meta saret tali ammissjoni l-imputat kien qed jirreferi għal dak li kien għamel tliet snin qabel. Kif sewwa qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, dan l-inċident m'għandu x'jaqsam ma' dak li għalih qed tirreferi għalih ċ-ċitazzjoni.

Issa mill-istqarrija tal-imputat m’hemm ebda ammissjoni ta’ ħtija. Huwa qal li s-sur Lawrence Bianco joqħgod ħdejh u nnega ;li qatt għamel xi ħsarat f’dawn il-karozzi.

L-Ispettur Therese Sciberras qalet li s-sur Lawrence Bianco kien ilu jissuspetta fl-imputat. Is-Sur Bianco kien waħħal ukoll CCTV cameras quddiem ir-residenza tiegħu u fid-19 ta’ Marzu 2007 għall-ħabta ta’ nofs il-lejl nieqes għaxra nir-recordings huwa ra żewġ irġiel mexjin ħdejn xulxin u wieħed minnhom giriflu l-karozza tiegħu. Is-sur Bianco qal li kien għaraf lil dan ir-raġel u li dan kien l-imputat. Huwa għaraf lill-imputat ukoll mill-mixja u l-komportament fiżiku tiegħu.

Fil-kontro-eżami hija qalet ukoll li l-istills li kienet esibiet kienu ġew f’idejha fil-kors tal-investigazzjoni. Qalet ukoll li dak iż-żmien l-imputat kellu x-xagħar. Tant kien inbiel l-imputat fil-mori tal-proċeduri li meta l-imputat inġab quddiemha hija ma għarfitux. Hija ma kenitx f’pożizzjoni li tagħraf lill-imputat mill-istills.

Xehed ukoll is-sur Joe Galea li għamel l-istima tal-ħsarat. Huwa qal li jekk kien jiftakar sew :

‘il-ħsarat li kellha l-karozza kien għafsa fuq il-bieb u kien brix ukoll maż-żewġ naħat tal-karozza. Min-naħa tal-left barxa fuq il-mudguard u ngħid il-left in-naħa tal-passiġġier u n-naħa tar-right il-grif klien mal-bieba ta’ wara u l-mudguard ta’ wara. Minn dak li right jien jidhirli li l-grif ma kienx ilu.’

Il-kwerelant is-sur Lawrence Bianco ddeskriva l-inċident kif rah fuq is-CCTV hekk:

‘rajt persuna wieqfa quddiem il-bieb jixgħel sigarett, iħares lejn il-bieb tiegħi, qabad ċavetta, għadda mal-karozza u naki smajt il-girfa.Ngħid li jiena stajt nagħraf lill-imputat fir-recording tas-CCTV għaliex jiena rajt persuna b’xagħru mqaxxar , persuna illi narah kull jum u b’hekk stajt nidentikfika lill-persuna bħala l-imputat. ‘

Huwa qal li l-istills esibiti aktar kmieni ma kinux il-footage li juri lill-imputat. Dak il-footage wera ċ-Ċinżi li għaddew ftit qabel l-imputat.(23.23.51). (L-imputat għadda 23.58.16). Dan jiġifieri li għaddew 35 minuta qabel. L-imputat kien ammetta mal-kwerelant l-inċident ta' tliet snin qabel iżda mhux dan.

Meta xehed l-imputat huwa qal li

'Assolutament jien ma naf xejn. Li naf li dan il-persuna qed joqgħod ħdejja, żewġ bibien ħdejja u dejjem bl-akkużi, dejjem jakkużani b'xi ħaġa għax nipparkja l-karozza ħdejn id-dar li jgħid li hi garaxx.'

Huwa qal ukoll li qatt ma kellu xi jgħid mal-kwerlant (fol 94) u dwar ir-ritratti huwa żied jixhed hekk:

'Jiena noqgħod tliet bibien fuq. Bilfors anke noħroġ nixtri ħobż jew ħalib filgħodu bilfpors irrid ngħaddi minn hemm. Kuljum ngħaddi minn hemm, anke nipparkja hu.' (fol 94)

Huwa reġa' ċaħad li kien hu li kkawża l-inċident.

L-Avukat Ġenerali bbaża l-appell tiegħu li l-ħsarat kienu fuq in-naħa ta' wara kif ikkonfermati mis-sur Joe Galea u li a fol 67 tal-proċess l-appellat jidher jillarga jdejh fuq in-naħa ta' wara tal-vettura – propju fil-post fejn instabet il-ħsara.

Ikkonsidrat

Bħall-ewwel Qorti din il-Qorti ma tħossx li l-każ ġie ippruvat kif jinħtieġ fil-Liġi Kriminali – jiġifieri 'l hemm minn kull dubju raġonevoli. L-ewwelnett il-Qorti żgur mhix fi stat li tidentifika 'l xi ħadd fir-ritratti u għal din l-identifikazzjoni għandna l-kelma tal-kwerelant biss. Iżda barra minn hekk, għalkemm l-Avukat Ġenerali ssottometta li l-appellat jidher qed 'jillarga' jdejh mill-parti ta' fejn saret il-ħsara, mhux la kemm tiddeċiedi li l-ħsara saret dak il-ħin u mhux qabel jew minn ħadd ieħor u li jekk saret il-ħsara saret mill-appellat jew b'idejh. Dan jgħodd ukoll jekk il-kwerelant qal li sema' l-girfa ssir.

L-ewwel Qorti marret oltre u rrimarkat hekk:

'wieħed minn dawn il-persuni jidher qed jagħmel moviment b'idejh viċin il-ġenb tla-vettura; f'xi ritratti din il-persuna tidher anke qed tħares lejn il-vettura filwaqt li għandha jdejha mal-vettura. Il-ħin indikat f'dawn ir-ritratti huwa 23.23. Dawn ir-ritratti ngħataw lill-uffiċjal prosekutur mill-parti leża li anke ħa l-isbirga li jindika b'ċirku aħmar id din il-persuna mal-ġenb tal-vettura tiegħu.

Omissis

L-imputat jidher li qed jagħmel moviment simili ħafna għal dak li jidher li qed tagħmel il-persuna asjatika.'

L-Avukat Ġenerali iżda ssottometta li

'l-istills tal-23.23 juru persuna qed tagħmel ħsara fuq in-nofs ta' quddiem tal-vettura, u cioe' mill-bonnet tal-vettura lejn il-bieba tax-xufier.'

Iżda għall-Qorti dan ma jħassar xejn mill-possibilita' li min jidher (allegatament) qed jagħmel ħsara fuq in-naħa ta' quddiem ma setax ikollu jagħmel il-ħsara fuq in-naħa ta' wara wkoll jew li m'għaddiex xi ħadd ieħor u wettaq il-ħsara ta' wara.

L-Avukat Ġenerali jirraġuna li s-sempliċi fatt li għaddew żewġ persuni f'ħin relattivament qasir viċin tal-vettura tal-parte leża u li għamlu moviment sospett b'idejhom ma jeskludix awtomatikament lill-appellat mit-twettiq ta' dan ir-reat. Iżda bir-rispett kollu fi proċess kriminali, aktar milli wieħed jeskludi jew ma jeskludix jekk persuna hix ħatja, il-Prosekuzzjoni trid **tipprova** li persuna hija ħatja.

Fil-fehma tal-Qorti m'hemm xejn x'jindika li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tasal legalment u raġjonevolment għall-konklużjoni li waslet għaliha u għalhekk qed tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fl-10 ta' Mejju 2010 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------